II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/171
tas-6 ta' Frar 2020
li jemenda l-Anness XIV tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 58 u 131 tiegħu,

Billi:

(1) L-aċidu 1,2-benżendikarbossiliku, l-esteru tad-diżil, ramifikat u lineari, u l-ftalat tad-diżil u l-grupp ta' sustanzi tal-aċidu 1,2-benżendikarbossiliku, tal-esteri alkiliċi di-C6-10; l-aċidu 1,2-benżendikarbossiliku, id-diesteri deċil u eżil u ottil imħallta flimkien ma' ≥ 0,3 % tal-ftalat tad-diżil jissodisfaw il-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni (il-Kategorija 1B) skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) u, għalhekk, jissodisfaw il-kriterji għall-inklużjoni fl-Anness XIV tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 stipulati fl-Artikolu 57(c) ta' dak ir-Regolament.

(2) Il-fosfat tat-triksilil huwa sustanza li tissodisfa l-kriterji biex tkun ikklassifikata bħala tossika għar-riproduzzjoni (il-Kategorija 1B) skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 u, għalhekk, tissodisfa l-kriterji biex tiddaħħal fl-Anness XIV tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 stipulati fl-Artikolu 57(c) ta' dak ir-Regolament.

(3) Il-perborat tas-sodju; l-aċidu perboriku, il-melħ tas-sodju u l-perossometaborat tas-sodju huma sustanzi li jissodisfaw il-kriterji biex ikunu kklassifikati bħala tossiċi għar-riproduzzjoni (il-Kategorija 1B) skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 u, għalhekk, jissodisfaw il-kriterji biex jiddaħħlu fl-Anness XIV tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 stipulati fl-Artikolu 57(c) ta' dak ir-Regolament.

(4) Il-5-sec-butil-2-(2,4-dimetilċikloeż-3-en-1-il)-5-metil-1,3-diossan [1], u l-5-sec-butil-2-(4,6-dimetilċikloeż-3-en-1-il)-5-metil-1,3-diossan [2] (li jkopru kull stereoisomeru individwali ta' [1] u [2] jew kwalunkwe taħlita tagħhom) huma persistenti ħafna u bijoakkumulattivi ħafna skont il-kriterji stabbiliti fl-Anness XIII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 u, għalhekk, jissodisfaw il-kriterji biex jiddaħħlu fl-Anness XIV ta' dak ir-Regolament stipulati fl-Artikolu 57(e) ta' dak ir-Regolament.

(5) It-2-(2H-benżotriażol-2-il)-4,6-ditertpentilfenol (UV-328); It-2,4-di-tert-butil-6-(5-klorobenżotriażol-2-il)fenol (UV-327); it-2-(2H-benżotriażol-2-il)-4-(tert-butil)-6-(sec-butil)fenol (UV-350) u t-2-benżotriażol-2-il-4,6-tert-butilfenol (UV-320) huma persistenti, bijoakkumulattivi u tossiċi u/jew persistenti ħafna u bijoakkumulattivi ħafna skont il-kriterji stabbiliti fl-Anness XIII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 u, għalhekk, jissodisfaw il-kriterji biex jiddaħħlu fl-Anness XIV ta' dak ir-Regolament stipulati fl-Artikolu 57(d) u/jew (e) ta' dak ir-Regolament.

(6) Is-sustanzi kollha msemmija hawn fuq ġew identifikati u inklużi fil-lista tal-kandidati skont l-Artikolu 59 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006. Barra minn hekk, dawn ingħataw prijorità għall-inklużjoni fl-Anness XIV tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("l-Aġenzija") fir-rakkomandazzjonijiet tagħha tal-10 ta' Novembru 2016 ([3]) u tal-5 ta' Frar 2018 ([4]), skont l-Artikolu 58(3) u (4) ta' dak ir-Regolament. Barra minn hekk, il-Kummissjoni rċeviet sottomissjonijiet mill-partijiet interessati għal sejħiet għall-informazzjoni dwar l-impatti ekonomiċi, soċjali, tas-saħħa u ambjentali (spejjeż u benefiċċji) li possibbilment jista' jkollha l-inklużjoni fl-Anness XIV tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tas-sustanzi proposti mill-Aġenzija fl-abbozz ta' rakkomandazzjonijiet tagħha.

([1]) ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

([3]) https://echa.europa.eu/documents/10162/13640/7th_axiv_recommendation_november2016_en.pdf/3e11377b-edd8-46d3-a29c-1978c41db3ad

([4]) https://echa.europa.eu/documents/10162/13640/8th_axiv_recommendation_february2018_en.pdf/10a99e7d-0fac-ff1d-7f17-910d6edb61b9

(7) Għal kull sustanza inkluża fl-Anness XIV tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 b'dan ir-Regolament, jenħtieġ li tiġi stabbilita data li minnha għandhom ikunu pprojbiti t-tqegħid fis-suq u l-użu tas-sustanza sakemm ma tingħatax awtorizzazzjoni kif rikjest mill-Artikolu 58(1)(c)(i) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, filwaqt li titqies il-kapaċità tal-Aġenzija li timmaniġja l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni. Għal kull waħda minn dawk is-sustanzi, ma hemm l-ebda raġuni għaliex id-data msemmija fl-Artikolu 58(1)(c)(ii) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 jenħtieġ tkun inqas minn 18-il xahar qabel id-data msemmija fl-Artikolu 58(1)(c)(i) ta' dak ir-Regolament.

(8) L-Artikolu 58(1)(e) flimkien mal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 jipprevedu l-possibbiltà ta' eżenzjonijiet għal użi jew kategoriji ta' użi f'każijiet fejn il-leġiżlazzjoni speċifika tal-Unjoni timponi rekwiżiti minimi marbutin mal-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem jew tal-ambjent sabiex tiżgura kontroll xieraq tar-riskji. Skont it-tagħrif disponibbli bħalissa, mhuwiex xieraq li jiġu stabbiliti eżenzjonijiet ibbażati fuq dawk id-dispożizzjonijiet.

(9) Peress li ma hemm l-ebda informazzjoni li tiġġustifika l-ħtieġa ta' eżenzjoni għar-riċerka u l-iżvilupp orjentati lejn il-prodotti u l-proċessi, mhuwiex xieraq li tiġi kkunsidrata tali eżenzjoni.

(10) Peress li l-informazzjoni disponibbli dwar l-użi tas-sustanzi proposti hija limitata, mhuwiex xieraq li f'dan l-istadju jiġu stabbiliti perjodi ta' reviżjoni, skont l-Artikolu 58(1)(d) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006.

(11) It-triossosulfat tat-tetraċomb; it-tetraossosulaft tal-pentaċomb; iċ-ċomb oranġjo (it-tetraossidu taċ-ċomb) u l-monossidu taċ-ċomb (l-ossidu taċ-ċomb) huma sustanzi li jissodisfaw il-kriterji biex ikunu kklassifikati bħala tossiċi għar-riproduzzjoni (il-Kategorija 1 A) skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 u, għalhekk, jissodisfaw il-kriterji biex jiddaħħlu fl-Anness XIV tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 stipulati fl-Artikolu 57(c) ta' dak ir-Regolament. Dawn is-sustanzi ġew identifikati u inklużi wkoll fil-lista tal-kandidati skont l-Artikolu 59 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 u ngħataw prijorità għall-inklużjoni fl-Anness XIV ta' dak ir-Regolament bir-rakkomandazzjoni tal-Aġenzija tal-10 ta' Novembru 2016 skont l-Artikolu 58(3) u (4) ta' dak ir-Regolament. L-użu taċ-ċomb u tal-komposti tiegħu huwa kopert mid- Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE ([5])u, sa ċertu punt, mid-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) u l-miżuri ta' implimentazzjoni tagħha li jistabbilixxu l-konklużjonijiet dwar l-aqwa mezzi tekniċi disponibbli (BAT, Best Available Techniques). Barra minn hekk, se jiġi eżaminat mill-ġdid il-valur ta' limitu okkupazzjonali vinkolanti tal-Unjoni attwali u l-valur tal-limitu bijoloġiku vinkolanti għall-komposti taċ-ċomb skont id-Direttiva 98/24/KE. Għalhekk, u minħabba l-adozzjoni possibbli ta' miżuri aktar stretti fuq il-post tax-xogħol, huwa xieraq li jiġi pospost it-teħid ta' deċiżjoni dwar l-inklużjoni ta' dawk is-sustanzi fl-Anness XIV tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006. Barra minn hekk, permezz tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE u l-predeċessuri tagħha, l-emissjonijiet taċ-ċomb u tal-komposti tiegħu fl-ambjent naqsu u qed ikomplu jonqsu, kif muri mir-rapporti tar-Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti (PRTR Ewropew) u huwa mistenni aktar tnaqqis hekk kif jiġu adottati l-konklużjonijiet tal-BAT ġodda u hekk kif il-permessi jiġu aġġornati biex jirriflettuhom.

(12) L-użi kollha tal-1-metil-2-pirrolidon (NMP) huma ristretti skont l-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006. L-NMP għandha proprjetajiet intrinsiċi simili għal dawk tal-N,N-dimetilaċetammid (DMAC) u tal-N,N-Dimetilformammid (DMF), u t-tliet sustanzi għandhom użi industrijali simili u jistgħu jitqiesu li huma interkambjabbli, tal-inqas għal xi użi, anki jekk b'mod ġenerali ma jistgħux jitqiesu bħala alternattivi ta' sostituzzjoni ("drop-in"). Fid-dawl tas-similaritajiet tat-tliet sustanzi, u sabiex jiġi żgurat approċċ regolatorju konsistenti ([7]),jenħtieġ li d-deċiżjoni dwar l-inklużjoni tal-NMP fl-Anness XIV tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006tiġi posposta, kif sar għad-DMAC u d-DMF meta l-Kummissjoni qieset ir-rakkomandazzjonijiet tal-Aġenzija tas-17 ta' Jannar 2013 ([8]) u tas-6 ta' Frar 2014 ([9]), rispettivament.

(13) Sabiex tiġi evitata l-obsolexxenza prematura ta' oġġetti jew prodotti kumplessi li ma baqgħux jiġu prodotti wara d-dati tat-terminazzjoni msemmija fl-Anness XIV tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, xi sustanzi (waħedhom jew f'taħlitiet) inklużi f'dak l-Anness jeħtieġ li jkunu disponibbli għall-produzzjoni ta' partijiet ta' rikambju għat-tiswija ta' dawk l-oġġetti jew dawk il-prodotti kumplessi, meta dawk l-oġġetti jew dawk il-prodotti kumplessi ma jkunux jistgħux jaħdmu kif suppost mingħajr dawk il-partijiet ta' rikambju, kif ukoll meta xi sustanzi tal-Anness XIV (waħedhom jew f'taħlitiet) ikunu meħtieġa għat-tiswija ta' dawn l-oġġetti jew dawn il-prodotti kumplessi. Sabiex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għal dawn l-użi, jenħtieġ li l-arranġamenti tranżizzjonali eżistenti

([5]) Id-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE tas-7 ta' April 1998 dwar il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema mir-riskji li għandhom x'jaqsmu mal-aġenti kimiċi fuq il-post tax-xogħol (l-erbatax-il Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 131, 5.5.1998, p. 11).

([6]) Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17).

([7]) https://echa.europa.eu/rmoa/-/dislist/details/0b0236e181ffe81a

([8]) https://echa.europa.eu/documents/10162/13640/4th_a_xiv_recommendation_17jan2013_en.pdf

([9]) https://echa.europa.eu/documents/10162/13640/5th_a_xiv_recommendation_06feb2014_en.pdf/17ab7722-0164-4fe8-80b6-8b4ac76e8f0f

jiġu estiżi, sabiex jippermettu l-adozzjoni ta' miżuri ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni ssimplifikata tal-awtorizzazzjonijiet f'każijiet bħal dawn. Barra minn hekk, il-formulazzjoni tan-noti fit-tabella tal-Anness XIV tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 jenħtieġ li tiġi riveduta sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tat-terminoloġija fir-rigward ta' oġġetti u prodotti kumplessi fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-106/14 ([10]).

(14) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 jiġi emendat skont dan.

(15) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 133 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness XIV tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Frar 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([10]) Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Settembru 2015, Fédération des entreprises du commerce et de la distribution (FCD) u Fédération des magasins de bricolage et de l'aménagement de la maison (FMB), C-106/14, ECLI:EU:C:2015:576.

ANNESS

It-tabella fl-Anness XIV tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 hija emendata kif ġej:

(1) Jiżdiedu l-annotazzjonijiet li ġejjin:

			Arranġamenti tranżizzjonali			
Nru tal-Entrata	Proprjetà(jiet)	Intrinsiċi tas-Sustanza msemmija fl-Artikolu 57	L-aħħar data tal-applikazzjoni ([1])	Data tat-terminazzjoni ([2])	(Kategoriji ta') użi eżentati	Perjodi ta' reviżjoni
"44.	Aċidu 1,2-benżendikarbossiliku, ester tad-diżil, ramifikat u lineari Nru tal-KE: 271-093-5 Nru tal-CAS: 68515-50-4	Tossiku għar-riproduzzjoni (il-Kategorija 1B)	is-27 ta' Awwis su 2021 (*)	is-27 ta' Frar 2023 (**)	—	—
45.	Ftalat tad-diżil Nru tal-KE: 201-559-5 Nru tal-CAS: 84-75-3	Tossiku għar-riproduzzjoni (il-Kategorija 1B)	is-27 ta' Awwis su 2021 (*)	is-27 ta' Frar 2023 (**)	—	—
46.	Aċidu 1,2-benżendikarbossiliku, esteri alkiliċi di-C6-10; aċidu 1,2-benżendikarbossiliku, diesteri tad-deċil u tal-eżil u tal-ottil imħalltin flimkien ma' ≥ 0,3 % tal-ftalat tad-diżil (Nru tal-KE 201-559-5) Nru tal-KE: 271-094-0; 272-013-1 Nru tal-CAS: 68515-51-5; 68648-93-1	Tossiku għar-riproduzzjoni (il-Kategorija 1B)	is-27 ta' Awwis su 2021 (*)	is-27 ta' Frar 2023 (**)	—	—
47.	Fosfat tat-triksilil Nru tal-KE: 246-677-8 Nru tal-CAS: 25155-23-1	Tossiku għar-riproduzzjoni (il-Kategorija 1B)	is-27 ta' Novembru 2021 (*)	is-27 ta' Mejju 2023 (**)	—	—
48.	Perborat tas-sodju; aċidu perboriku, melħ tas-sodju Nru tal-KE: 239-172-9; 234-390-0 Nru tal-CAS: —	Tossiku għar-riproduzzjoni (il-Kategorija 1B)	is-27 ta' Novembru 2021 (*)	is-27 ta' Mejju 2023 (**)	—	—
49.	Perossometaborat tas-sodju Nru tal-KE: 231-556-4 Nru tal-CAS: 7632-04-4	Tossiku għar-riproduzzjoni (il-Kategorija 1B)	is-27 ta' Novembru 2021 (*)	is-27 ta' Mejju 2023 (**)	—	—
50.	5-sec-butil-2-(2,4-dimetilċikloeż-3-en-1-il)-5-metil-1,3-diossan [1], 5-sec-butil-2-(4,6-dimetilċikloeż-3-en-1-il)-5-metil-1,3-diossan [2] [li jkopri kull stereoisomeru individwali ta' [1] u [2] jew kwalunkwe taħlita tagħhom] Nru tal-KE: — Nru tal-CAS: —	vPvB	is-27 ta' Frar 2022 (*)	is-27 ta' Awwis su 2023 (**)	—	—

			Arranġamenti tranżizzjonali			
Nru tal-Entrata	Proprjetà(jiet)	Intrinsiċi tas-Sustanza msemmija fl-Artikolu 57	L-aħħar data tal-applikazzjoni [1]	Data tat-terminazzjoni [2]	(Kategoriji ta') użi eżentati	Perjodi ta' reviżjoni
51.	2-(2H-benżotriażol-2-il)-4,6-ditertpentilfenol (UV-328) Nru tal-KE: 247-384-8 Nru tal-CAS: 25973-55-1	PBT, vPvB	is-27 ta' Mejju 2022	is-27 ta' Novembru 2023	—	—
52.	2,4-di-tert-butil-6-(5-klorobenżotriażol-2-il) fenol (UV-327) Nru tal-KE: 223-383-8 Nru tal-CAS: 3864-99-1	vPvB	is-27 ta' Mejju 2022	is-27 ta' Novembru 2023	—	—
53.	2-(2H-benżotriażol-2-il)-4-(tert-butil)-6-(sec-butil)fenol (UV-350) Nru tal-KE: 253-037-1 Nru tal-CAS: 36437-37-3	vPvB	is-27 ta' Mejju 2022	is-27 ta' Novembru 2023	—	—
54.	2-benżotriażol-2-il-4,6-di-tert-butilfenol (UV-320) Nru tal-KE: 223-346-6 Nru tal-CAS: 3846-71-7	PBT, vPvB	is-27 ta' Mejju 2022	is-27 ta' Novembru 2023	—	—

[1] Id-data msemmija fl-Artikolu 58(1)(c)(ii).
[2] Id-data msemmija fl-Artikolu 58(1)(c)(i).

(2) Is-simbolu "(*)" jiddaħħal ħdejn id-data indikata fil-kolonna "L-aħħar data tal-applikazzjoni" għall-entrati tas-sustanzi li ġejjin: 32-43.

(3) Is-simbolu "(**)" jiddaħħal ħdejn id-data indikata fil-kolonna "Data tat-terminazzjoni" għall-entrati tas-sustanzi li ġejjin: 32-43.

(4) In-noti wara t-tabella huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(*) L-1 ta' Settembru 2021 għall-użu tas-sustanza fil-produzzjoni ta' partijiet ta' rikambju bħala oġġetti jew bħala prodotti kumplessi għat-tiswija ta' oġġetti jew prodotti kumplessi, li l-produzzjoni tagħhom tkun waqfet jew li tkun se tieqaf qabel id-data tat-terminazzjoni indikata fl-entrata għal dik is-sustanza, meta dik is-sustanza tkun intużat fil-produzzjoni ta' dawk l-oġġetti u jew dawk il-prodotti kumplessi u dawn ma jkunux jistgħu jaħdmu kif suppost mingħajr dik il-parti ta' rikambju u dik il-parti ta' rikambju ma tistax tiġi prodotta mingħajr dik is-sustanza, u għall-użu tas-sustanza (waħedha jew f'taħlita) għat-tiswija ta' tali oġġetti u prodotti kumplessi meta dik is-sustanza waħedha jew f'taħlita tkun intużat fil-produzzjoni ta' dawk l-oġġetti u dawk il-prodotti kumplessi u dawn ma jistgħux jissewwew b'xi mod ieħor għajr bl-użu ta' dik is-sustanza.

(**) L-1 ta' Marzu 2023 għall-użu tas-sustanza fil-produzzjoni ta' partijiet ta' rikambju bħala oġġetti jew bħala prodotti kumplessi għat-tiswija ta' oġġetti jew prodotti kumplessi li l-produzzjoni tagħhom tkun waqfet jew li tkun se tieqaf qabel id-data tat-terminazzjoni indikata fl-entrata għal dik is-sustanza, meta dik is-sustanza tkun intużat fil-produzzjoni ta' dawk l-oġġetti u dawk il-prodotti kumplessi u dawn ma jkunux jistgħu jaħdmu kif suppost mingħajr dik il-parti ta' rikambju, u għall-użu tas-sustanza (waħedha jew f'taħlita) għat-tiswija ta' tali oġġetti u prodotti kumplessi, meta dik is-sustanza waħedha jew f'taħlita tkun intużat fil-produzzjoni ta' dawk l-oġġetti u dawk il-prodotti kumplessi u dawn ma jistgħux jissewwew b'xi mod ieħor għajr bl-użu ta' dik is-sustanza.

(***) Ma tissodisfax il-kriterji għall-identifikazzjoni bħala karċinoġenu jekk tinkludi < 0,005 % (skont il-piż) ta' benżo[a]piren (Nru Einecs 200-028-5)."